**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna B.A. LL.D.**

**Illum, 14 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 20B/97**

**Emanuela Cilia**

**vs**

**Giomaria Magro**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ippremettiet illi hija tikri lill-intimat bicca raba fil-limiti tan-Naxxar tal-kejl ta' circa tomna u zewg sighan kif jidher ahjar fil-pjanta annessa, verso qbiela ta' lira fis-sena pagabbli kull Santa Maria b'lura, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 ta' Awissu 1996.

Illi l-intimat tul l-ahhar tnax il-xahar halla din l-art mhux kultivata anzi sdingata ghall-ahhar, u b'hekk kiser il-kondizzjonijiet tal-kirja.

Talab bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghar-raguni premessa, jawtorizza lill-esponenti tiehu lura pussess tal-ghalqa surriferita meta tintemm il-kirja korrenti u dan billi tipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament.

Ra il-pjanta tar-raba in kwistjoni anness mal-istess rikors a fol 3 tal-atti.

Ra il-verbal a fol 8 tal-process minn fejn jidher li l-intimat, avolja notifikat bir-rikors promotur fis-16 ta' Ottubru 1997, ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi Carmelo Cilia (a fol 9 et seq ibid) bin l-istess rikorrenti xehed li r-raba in kwistjoni jappartjeni lill-ommu, ir-rikorrenti, li kienet ilha ma tircievi l-kera relattiva ghall-perjodu ta' sitt snin. Inoltre matul Mejju tal-1997 waqt li kien ghaddej minn vicin l-istess art hu kien ha diversi ritratti bil-kulur, sebgha b'kollox (ara fol 13 tal-process) kif ukoll ra li r-raba in kwistjoni kien mimli haxix u zdingat.

Illi a bazi tal-premess jidher b'mod evidenti li it-talbiet in ezami ghandhom jigu akkolti anke' f'nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat (ara l-artikolu 4(2) (d) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex tiehu lura l-pussess tal-istess ghalqa fil-limiti tan-Naxxar tal-kejl ta' cirka tomna u zewg sighan skond kif murija fl-annessa pjanta a fol 3 tal-process liema pjanta ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza;

L-istess Bord jordna li l-intimat ghandu jizgombra mill-istess ghalqa sal-15 ta' Awissu 2000;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat.

Alan Calleja
Dep.Reg.